MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2013

Numru. 193/2013

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ROSANNE DEBATTISTA**

**KONTRA**

**THERRON AQUILINA iben Emanuel u Jane nee' Catania, imwieled Tal-Pieta' nhar l-14 ta' Marzu, 1989, residenti fil-fond Velvet Rose, Triq il-Kanonku Karmenu Pirotta, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita' numru 121989M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Therron Aquilina** li gie akkuzat talli:

1. Fil-lejl ta' bejn l-24 ta' Frar 2013 u l-25 ta' Frar, 2013 gewwa San Gwann, hebb ghal persuna u ghamel offiza

fuq l-istess persuna li hija gravi, u kkagunalha debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem, jew marda permanenti tal-mohh jew gab sfregju gravi u permanenti fil-wicc ghad-detriment ta’ Kurt Ryan Farrugia ID 22088M skont l-Artikoli 216, 217, u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess gurnata u cirkostanzi, hebb ghal Kimberly Mousu ID 8794M ghamlilha griehi ta’ natura hafifa skont l-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ammissjoni bikrija tal-imputat fl-istadju tal-prezentata b’arrest, u dan wara li gie moghti zmien xieraq skont il-Ligi sabiex jerga’ jahseb dwar l-istess.

Rat il-fedina penali tal-mputat, li hija wahda mhux daqshekk refrattarja.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikoli 216, 217, 218, u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi mputat **Therron Aquilina** hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sena u nofs sospizi ghal 3 snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Din il-Qorti qieghda wkoll tordna li l-imputat jobbliga ruhu li jzomm il-kwiet mal-parte leza, u cioe’ Kurt Ryan Farrugia ID 22088M u wkoll li jzomm il-bon ordni ma’ kulhadd taht penali ta’ €2,300 liema obbligazzjoni ghandha tibqa’ fis-sehh ghal zmien sena(1), u dan wara li rat l-Artikolu 383(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------